**FIL-QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**
**MAGISTRAT DR MARSE-ANN FARRUGIA LL.D.**

**Seduta ta' nhar l-Erbgha, 9 ta' Novembru 2022**

**Rikors Numru: 220/2011 MLF**

**Atlas Insurance PCC Limited f'isimha propju u kif surrogata fid-drittijiet tal-assigurata taghha Gevimida Limited u l-istess Grevimida Limited**

**vs**

**Korporazzjoni ghas-Servizzi tal-Ilma**

Il-Qorti

1. Rat ir-rikors tal-atturi fejn talbu sabiex il-Korporazzjoni konvenuta tigi kkundannata thallashom is-somma globali ta' sebat elef, mija u tmienja u tmenin Ewro u sebgha u tletin centezmu (€7,188.37), in kwantu ghal €7,133.37 lis-socjeta Atlas Insurance PCC Limited rapprezentanti danni u spejjez imhallsa mis-socjeta attrici b'rizultat tal-polza ta' assigurazzjoni f'isem Gevimida Limited u spejjez ta' survey relattiv in konnessjoni mad-danni kkagunati fil-proprjeta ta' Gevimida Limited – 'Ciel de Bleu', 48, AntonSchembri Street, San Gwann, konsegwenza ta' perkolazzjoni fl-24 ta' Settembru 2009 u in kwantu ghal €55 lil Gevimida Limited rapprezentanti *excess* tal-polza.
   Bl-imghax mis-17 ta' Novembru 2009 sad-data tal-effettiv pagament u bl-ispejjez kollha inkluzi dawk tal-ittra legali tat-18 ta' Ottubru 2010 u t-18 ta' April 2011, kontra l-konvenuta.

2. Rat ir-risposta tal-Korporazzjoni konvenuta fejn eccepiet:

i. Illi t-talbiet tas-socjetajiet rikorrenti huma nfondati fil-fatt u fid-dritt u ghalhekk ghandhom jigu michuda bl-ispejjez kontra l-istess socjetajiet rikorrenti.

ii. Illi l-Korporazzjoni esponenti tissottometti umilment illi hija mxiet korrettament u ai termini tal-ligi kif jista jigi ippruvat u kemm-il darba r-rikorrenti sofrew xi danni, dan ma kienx bi htija tal-Korporazzjoni esponenti.

iii. Illi l-quantum tad-danni allegatament sofferti mir-rikorrenti jehtieg li jigi ippruvat.

3. Semghet ix-xhieda, rat id-dokument u l-atti kollhaipprezentati.

4. Semghat it-trattazzjoni tal-avukati difensuri tal-partijiet.

Ikkunsidrat:

**Il-Fatti**

5. Il-fatti saljenti li taw lok ghal dawn il-proceduri huma s-segwenti:

i. Nhar l-24 ta' Settembru 2009 sehh skular ta' drenagg fil-fond bin-numru 48, Ciel de Bleu, Triq Anton Schembri, Kappara, San Gwann. Fuq dan il-fond is-socjeta' Gemivida Limited kellha assigurazzjoni mahruga mis-socjeta' attrici. Jirrizulta li dan l-iskular sehh waqt xita qawwija li sehhet matul il-lejl u li b'konsegwenza ta' dan l-iskular il-pjan terran tal-fond *de quo* gie mgharraq b'madwar 75cm ta' drenagg.[1]

[1] Ara ittra datata 25 ta' Settembru 2009 mibghuta minn Joseph J. Xuereb lis-socjeta' attrici immarkata bhala AM1 a *fol.* 14 u l-*policy schedule* relattiva immarkata bhal AM5 a *fol.* 21 tal-process.

ii. Is-socjeta' Gemivida Limited ghamlet *claim* fir-rigward ta' dan l-iskular u ghalhekk is-socjeta' attrici inkarigat lis-*surveyor* Bernard Farrugia sabiex ihejji s-*survey* relattiv, li da parti tieghu acceda fuq il-post fejn seta' jikkonstata li l-fond *de quo* kien mimli b'hafna hmieg konsegwenti ghal dan l-iskular ta' drenagg. Bernard Farrugia xehed li l-iskular sehh ghaliex kien hemm *blockage* fil-*main* ta' drenagg u ghalhekk kien hemm *back flow* li spicca fil-fond assigurat. Jirrizulta li l-hsarat mgarrba fil-fond kienu konsistenti f'ghamara li kellha tigi msewwija, sostituzzjoni ta' tapit dannegjat, u tindif ta' tapit iehor. Is-*surveyor* xehed li wiehed mit-tapiti kien imxarrab anqas mill-iehor u ghalhekk seta' jigi mnaddaf. Spjega li ghalhekk huwa kien inkariga ditta tat-tindif li hadet hsieb taghmel dan ix-xoghol. Xehed li kemm fir-rigward tat-tiswijiet tal-ghamara u anke dwar il-valur tat-tapit li kellu jigi sostitwit, huwa kien mexa' fuq stimi. Spjega li ghar-rigward tat-tapit, kien sar tnaqqis ta' 15% stante li r-rizarciment kien sar fi flus kontanti.[2]

iii. Sussegwentement is-socjeta' attrici approvat din il-*claim* u hallset lil assigurata taghha is-somma ta' €5,995.85, u dan ghas-saldu tal-pretensjonijiet kollha tal-assigurata taghha li da parti taghha issurogat lis-socjeta' attrici fid-drittijiet kollha taghha.[3] Is-socjeta' attrici qeghda titlob ukoll il-hlas ta' €1,137.52 rapprezentanti l-ispejjez tar-rapport tas-*surveyor* Bernard Farrugia u l-ispejjez relatati mat-tindif ta' wiehed mit-tapiti dannegjati.[4] Is-socjeta' Gemivida Limited qed titlob il-hlas ta' €55 bhala *excess*.[5]

iv. Joseph Xuereb, direttur tas-socjeta' Gemivida Limited, xehed li l-fond *de quo* jappartjeni lis-socjeta' Gemivida Limited. Spjega li meta l-haddiema tal-Korporazzjoni konvenuta kienu accedew fuq il-post u fethu l-*manhole* li tinsab fit-triq, din kienet mimlija bil-hama u ghalhekk l-istess haddiema kienu wettqu *pressure flushing* u fi zmien 45 minuti s-sadd infetah. Spjega li meta gara hekk, anke d-drenagg mill-fond *de quo* nizel. Ix-xhud kompla jghid li l-haddiema li marru fuq il-post kienu qalulu li bhala regola d-drenagg jitnaddaf qabel ma

---

[2] Ara r-rapport tas-*surveyor* Bernad Farrugia immarkat bhala AM 6 a *fol.* 22 u x-xhieda tieghu a *fol.* 45 tal-process

[3] Ara d-dokument tas-surroga immarkat bhala AM 11 a *fol.* 29 tal-process

[4] Ara l-fattura realttiva immarkat bhala AM 7 a *fol.* 25 tal-process

[5] Ara f'dan is-sens ix-xhieda ta' Alan Micallef a *fol.* 12 tal-process

taghmel l-ewwel xita, izda f'dan il-kaz il-katusa in kwistjoni ma kenitx giet imnaddfa.[6] Xehed li qabel l-incident huwa kien ilu jghix fil-fond *de quo* ghal madwar 65 sena u li dak iz-zmien tal-incident ma kienx hemm installat *no-return valve* fis-sistema tad-drenagg tal-fond.[7]

v. David Xuereb xehed li huwa kien prezenti flimkien ma' missieru Joseph Xuereb meta l-haddiema tal-Korporazzjoni konvenuta marru fuq il-post u fethu s-sadd. Xehed li wiehed minn dawn il-haddiema kien spjegalhom li bhala regola l-Korporazzjoni konvenuta tiehu hsieb li tnaddaf il-katusi tad-drenagg qabel iz-zmien tal-ewwel xita, izda li l-katusa fit-triq in kwistjoni ma kinitx giet imnaddfa.[8]

vi. Charles Camilleri, inginier mal-Korporazzjoni konvenuta, xehed li f'April tas-sena 2012 il-Korporazzjoni konvenuta kienet wettqet investigazzjoni relatata mal-katusi fi Triq Anton Schembri li kienet tinvolvi l-uzu ta' *camera* sabiex jigi ezaminat ezattament x'hemm fl-istess katusa. Spjega li minn din l-investigazzjoni kien irrizulta li filwaqt li l-konnessjoni tal-fond *de quo* kienet wahda tajba, l-konnessjoni ta' residenza privata ohra kienet sporguta l-barra, u li dan seta' kkawza s-sadd in kwistjoni. Xehed li l-Korporazzjoni konvenuta infurmat lid-Dipartiment tas-Sanita' b'dawn ir-rizultanzi sabiex jigu avzati s-sidien tar-residenza privata l-ohra u b'hekk tittiehed azzjoni. Ix-xhud ezebixxa zewg ritratti ta' dawn il-konnessjonijiet.[9] Spjega li l-konnessjonijiet tal-ferghat ghal mal-katusa principali ma jsirux mill-Korporazzjoni konvenuta, u li l-katusa principali kienet giet installata mill-Gvern fis-snin sebghin, imbaghad fis-snin disghin ghaddiet taht il-Korporazzjoni konvenuta. Ix-xhud qal li ma rrizultalux li matul is-snin saret manutenzjoni fuq il-katusa in kwistjoni stante li ma kienx hemm il-htiega ghalhiex is-sistema hija ddisinjata sabiex il-katusa titnaddaf wahidha.[10]

---

[6] Ara x-xhieda ta' Joseph Xuereb a *fol.* 51 tal-process
[7] Ara l-kontro-ezami ta' Joseph Xuereb a *fol.* 91 tal-process
[8] Ara l-affidavit ta' David Xuereb a *fol. 59* tal-process
[9] Ara x-xhieda tal-Inginier Charles Camilleri a *fol.* 61 tal-process
[10] Ara l-kontro-ezami tal-Inginier Charles Camilleri a *fol.* 79 tal-process

**Konsiderazzjonijiet ta' din il-Qorti**

6. Is-socjeta' attrici, kif surrogata fid-drittijiet tal-assigurata taghha Gemivida Limited, qed titlob danni naxxenti minn hsarat sofferti minn Gemivida Limited fil-fond bin-numru bin-numru 48, Ciel de Bleu, Triq Anton Schembri, Kappara, San Gwann b'rizultat ta' skular ta' drenagg li sehh nhar l-24 ta' Settembru 2009. Dan l-iskular gie allegatament ikkawzat minn sadd fil-katusi principali li taghha hija responsabbli l-Korporazzjoni konvenuta.

7. L-eccezzjonjijiet sollevati mill-Korporazzjoni konvenuta huma kollha fil-mertu u permezz taghhom tecepixxi li mhijiex resonsabbli ghad-danni allegatament sofferti fil-fond assigurat u li s-socjetajiet attrici jehtiegilhom jippruvaw il-quantum tad-danni.

8. L-azzjoni tas-socjetajiet attrici hi wahda ta' *culpa aquiliana.* Il-Kodici Civili jistabilixxi fl-Artikoli 1031 u 1032 li kull wiehed iwiegeb ghall-hsara li tigri bil-htija tieghu, u illi jitqies fil-htija min fl-ghemil tieghu ma juzax il-prudenza, diligenza u l-hsieb ta' missier tajjeb tal-familja. L-artikolu 1033 tal-Kodici Civili imbaghad jipprovdi li kull min, bil-hsieb jew minghajr hsieb, jaghmel jew jonqos li jaghmel xi haga li biha jikser xi dmir impost mill-ligi, huwa obbligat li jaghmel tajjeb ghall-hsara li tigri minhabba f'hekk.

9. Fis-sentenza **Middlesea Insurance plc vs Joseph Zaffarese**, deciza fid-29 ta' Mejju 2009, il-Qorti tal-Appell (sede Inferjuri)[11] irriteniet hekk:

*"Hi disposizzjoni espressa tal-ligi taht il-Kodici Civili illi jitqies fi htija min fl-ghemil tieghu ma juzax il-prudenza, id-diligenza, u l-hsieb ta' missier tajjeb tal-familja [Artikolu 1032 (1)]. Hu spjegat mill-awturi illi "negligenza, infatti, altro non è se non assenza di diligenza, imprudenza è intesa come assenza di cautele; imperizia, come assenza di competenza professionale o come assenza di avvertenze". **Ara Alpa "La responsabilita` civile"**, Trattato di diritto civile, Milano 1999 p 261 u **Franzoni "Le obbligazioni da fatto illecito"**, Ed. Utet, 2004, p 42. Markatament, sew jekk si tratta minn rapport kontrattwali (ara Artikolu 1132 Kodici Civili) kif ukoll dak extra-kontrattwali [Artikolu 1032 (1) predett] id-dover tad-diligenza huwa marbut mal-kriterju tal-missier tajjeb tal-*

[11] *Per* Imhallef Philip Sciberras.

*familja u dan jissinjifika illi hi imputabbli wkoll l-imgieba ommissiva f'min jonqos li jadotta mizuri ta' kawtela u ta' prudenza ghal fini li jkun evitat event dannuz lill-hwejjeg haddiehor. Kif jinsab ritenut, "quando invece si ha la violazione di un dovere, ed una volontaria omissione di diligenza per cui non si prevedono le conseguenze della propria azione od omissione e si viola il diritto altrui, senza volerlo ed anche senza avvedersene, allora si ha non il caso fortuito, ma la colpa ed il quasi delitto." "**Pubblio Azzopardi -vs- Antonio Arcicovich eta**", Appell Civili, 14 ta' Novembru, 1919."*

10. Mill-provi prodotti din il-Qorti ma ghandha ebda dubju li sehh skular ta' drenagg fil-fond assigurat, u li b'konsegwenza ta' dan l-iskular is-socjeta' assigurata sofriet danni. Dan jirrizulta ampjament mix-xhieda ta' Joseph Xuereb, dik ta' ibnu David Xuereb u dik ta' Bernard Farrugia, *surveyor* inkarigat mis-socjeta' attrici, li acceda fuq il-post dak inhar stess tal-24 ta' Settembru 2009 u b'hekk seta' jikkonstata dak li sehh. Din il-Qorti lanqas ghandha ebda dubju dwar il-quantum tad-danni sofferti. Il-hsara tal-oggetti fil-fond assigurat giet iccertifikata mis-*surveyor* Bernard Farrugia, li fix-xhieda tieghu spjega li filwaqt li kien hemm tapit u xi ghamara li setghu jitnaddfu jew jissewwew, kien hemm tapit iehor li kienet saritlu wisq hsara u ghalhekk kien jehtieg li jinbidel. Il-Korporazzjoni konvenuta ma ressqet ebda prova li tista' twassal lil din il-Qorti ghall-konkluzjoni li l-valuri indikati fis-*survey report* huma b'xi mod eccessivi.

11. Jirrizulta wkoll li s-socjeta' attrici hallset l-ammont pretiz lill-assigurata taghha li sussegwentement issurrogat lis-socjeta' attrici fid-drittijiet taghha

12. Jifdal ghalhekk li din il-Qorti tikkonsidra jekk kienx hemm xi htija ta' ghemil jew ommissjoni da parti tal-Korporazzjoni konvenuta li wassal ghall-iskular ta' drenagg fil-fond assigurat, u cioe' ness ta' kawzalita' bejn l-event dannuz u l-imgieba tal-Korporazzjoni konvenuta. Da parti taghha, il-Korporazzjoni konvenuta mhijiex qed tikkontendi li ma kienx hemm sadd fil-katusa principali, izda li tali sadd kien ikkawzat mill-fatt li fergha li taghti ghal propjeta' ta' terzi giet installata b'mod hazin, u cioe' b'mod li tisporgi ghal gol-katusa principali. L-inginier Charles Camilleri xehed li dan il-fatt kien irrizulta minn investigazzjoni li wettqet il-Korporazzjoni konvenuta f'April 2012, u li tali nstallazzjoni ma saritx mill-Korporazzjoni konvenuta izda privatament mis-sidien ta' dik il-propjeta'. Skond l-inginier Camilleri dan kien il-kawza tas-sadd u

hekk kif saret din l-investigazzjoni l-Korporazzjoni konvenuta infurmat lid-Dipartiment tas-Sanita’ sabiex jittihedu l-passi necessarji.

13. Din il-Qorti tqis li l-Att dwar il-Korporazzjoni ghas-Servizzi tal-Ilma (Kapitolu 355 tal-Ligijiet ta’ Malta), li pprovda ghat-twaqqif tal-Korporazzjoni konvenuta, jelenka il-funzjonijiet u d-dmirijiet tal-Korporazzjoni konvenuta, fosthom dawk stabbiliti fis-subinciz (3)(c)(i) tal-artikolu 3 li jistabilixxi li huwa d-dmir tal-Korporazzjoni konvenuta "*li tipprovdi, ittejjeb u tkabbar dik is-sistema ta’ drenagg pubbliku u li tnaddaf u li zzomm fi stat tajjeb din is-sistema sabiex tassigura li din topera u tibqa’ topera minghajr perikolu u b’mod efficjenti*".

14. Il-Korporazzjoni konvenuta ma tistax tezonera ruhha mir-responsabilita’ ghall-akkadut fuq il-premessa li ma kenitx hi li wettqet l-installazzjoni tal-fergha ghal gol-propjeta’ ta’ terzi. Id-dmirijiet tal-Korporazzjoni konvenuta ma humiex limitati ghal provvista ta’ sistema ta’ drenagg izda jinkludu wkoll id-dmir li zzomm dik is-sistema fi stat tajjeb.

15. Fil-fehma konsiderata ta’ din il-Qorti, il-Korporazzjoni konvenuta kellha d-dover li, jekk kien hemm terzi li wettqu xogholijiet konnessi mal-katusa principali, tassigura li dawn ikunu sorveljati b’mod adegwat biex b’hekk taccerta ruhha li l-ezekuzzjoni tax-xoghlijiet issir bl-ahjar mod possibbli u skond is-sengha u l-arti. B’hekk tigi evitata sitwazzjoni fejn terzi, bhas-socjeta assigurata, ikunu esposti ghad-danni. B’zieda ma’ dan hemm il-fatt li mill-atti jirrizulta li tul is-snin il-Korporazzjoni konvenuta ma wettqet ebda tip ta’ intervent ta’ natura prekawzjonali fuq il-katusa in kwistjoni.

16. Fid-dawl tas-suespost, il-Qorti tqis li r-responsabilita’ tal-Korporazzjoni konvenuta tirrizulta propju fin-nuqqas taghha li tezercita dik id-diligenza f’waqtha kemm ta’ sorveljar ta’ kwalunkwe xogholijiet relatati mat-twahhil ta’ ferghat mal-katusa principali li taghha hija responsabbli, u wkoll fin-nuqqas taghha li tezegwixxi dawk l-atti kawtelattivi ohra biex tassigura ruhha li sistema ta’ drenagg topera minghajr perikolu u b’mod efficjenti.

17. Fid-dawl tas-suespost, din il-Qorti hija tal-fehma li s-socjeta’ attrici irnexxielha tipprova n-ness bejn il-kawza u l-effett tad-danni sofferti mill-assigurata taghha. Konsewgentement it-talbiet attrici ser jigu milqugha fl-intier taghhom.

**Konkluzjoni**

18. Ghal dawn ir-ragunijiet, il-Qorti taqta' u tiddeciedi billi:

1. Tichad l-eccezzjonijiet kollha tal-Korporazzjoni konvenuta;

2. Tilqa' t-talba tas-socjeta' attrici Atlas Insurance PCC Limited u tikkundanna lill-Korporazzjoni konvenuta sabiex thallas lis-socjeta' attrici Atlas Insurance PCC Limited is-somma ta' sebat elef mija u tlieta u tletin Euro u sebgha u tletin centezmu (€7,133.37);

3. Tilqa' t-talba ta' Gemivida Limited u ghalhekk tikkundanna lill-Korporazzjoni konvenuta thallas lil Gemivida Limited is-somma ta' hamsa u hamsin Euro (€55).

4. L-imghax fuq iz-zewg ammonti ghandhom jibdew jiddekorru mit-13 ta' Lulju 2011, data tan-notifika tar-rikors promotur, sad-data tal-pagament effettiv.

5. L-ispejjez in konnessjoni ma' dawn il-proceduri, inkluzi dawk tal-ittra legali tat-18 ta' Ottubru 2010 u t-18 ta' April 2011 ghandhom jithallsu mill-Korporazzjoni konvenuta.

**Magistrat**

**Doreen Pickard**
**Deputat Registratur**